# SAN PAWL

## ĠABRA TA' TAGĦRIF



IN-NAWFRAĠJU PRODIĠJUŻ
TA' L-APPOSTLU MISSIERNA SAN PAWL
TITULAR U PATRUN TAL-BELT VALLETTA

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT TAL-FESTA

1948

# DIVO PAULO APOSTOLO MELITENSIUM PROTECTORUM ET PATRONO

## ODE SAPPHICA

Scepta cœlesti gerit arce, fulget
Rex amor terris, dat ubique vitam
Pectora incendit, prope cuncta amorem
Ora loquuntur

Quid vetat, Doctor? precibus favor sis
Neque carmen me pigeat decorum
Naufragum Paulum cecinisse Sacrum
Relligiosum

Noster et Paulus Meliten tuetur
Reddit et nos Christicolas fideles
Quos Cruci vinxit, simulacra ficta
Diruit ipse

Incutit frustra Stygias cohortes
Quippe felici Deus auspicato
Omine, æternis genuit trophæis
Relligionem

Hostium contra ærios scelestos
Impetus Paulus Meliten tuetur
Impiam frustra minitans ruinam
Barbarus hostis

Ecce, cui Sancti data cura ovilis,
Alta vox pacem resonat Parentis
Sese in infernis malesueda condat
Hydra cavernis

Pravus et longo scelerum barathrum
Ævo et ærumnas amor excitarat
Perditum sancto renovavit orbem
Paulus amore.

CAN. CARM. FARRUGIA, D.D.
LL.D., Notary Public.

---

# JUM IL-FIDI

*F'DAN il-jum hekk għażiż għall-qlub il-Maltin li jfakkarna fl-Akbar Ġrajja ta' l-Istorja tagħna — jum il-fidwa li minnu nafu t-twelid tagħna għall-ħajja tal-Fidi u taċ-Ċiviltà, inħossu d-dmir li ngħollu leħenna. Il-lum irridu nistiednu lill-Maltin kollha — b'mod speċjali l-Għaqdiet kollha ta' Malta, reliġjużi u ċivili, irġiel u nisa, kbar u żgħar għal sejħa qaddisa, biex fehma waħda, b'ispirtu wieħed ta' fidi u ta' karità li tgħaqqadna flimkien bħala aħwa ilkoll ulied il-kbir Appostlu li sar Missierna f'Ġesù Kristu, quddiem is-Salib ta' t-twemmin tagħna li waqqaf fostna, għoxrin seklu ilu, l-istess Appostlu Universali, ingħidu għal darba l-Wegħdiet tal-Magħmudija u t-twemmin tagħna tal-Fidi u hekk inqawwu qalbna għall-ġlieda qaddisa li tista' tinqala' kontra l-attakki ta' l-għedewwa tal-Fidi u lesti dejjem biex nissieltu b'armi spiritwali li jirrikmanda l-istess Missierna. Dawna l-wegħdiet u dina t-tħejjija qaddisa għandhom ikunu l-espressjoni l-iżjed sinċiera tal-ferħ qaddis tagħna, ta' Malta Kattolika u ta' ċanfira għal Malta paganeġġjanti. J'alla dana s-Salib tal-Fidi tagħna li ilu jaħkem fil-bliet u fl-irħula tagħna għal 20 seklu sħaħ għal inkejja ta' l-infern, jibqa' jiddi bi glorji ġodda dejjem iżjed f'art twelidna sakemm Malta tibqa' ta' Pawlu li jibqa' dejjem iħarisna.*

FIDES.

# SAN PAWL

ĠABRA TA' TAGĦRIF

NHAR IL-FESTA TAN-NAWFRAĠJU — 1948


## L-Epistola ta' Jum in-Nawfragju

KIF konna qegħdin naqdfu fl-inħawi ta' l-Adrija għall-ħabta ta' nofs il-lejl, xi baħrin deherilhom li qegħdin jaraw xi art; tefgħu l-qies u sabu li l-qiegħ tal-baħar kien għoxrin qama 'l isfel; u wara li qadfu ftit ieħor sabu biss ħmistax-il qama. Billi bżajna li ser nidħlu fuq xi blata, dawk ta' wara waqt li tefgħu erba' ankri xtaqu kieku jisbaħ. Fil-waqt li l-baħrin bdew jaħsbu kif ser jaħarbu u fil-ħin li tefgħu dgħajsa l-baħar biex jiġbdu min-naħa tal-pruwa l-ankri, kif qalu huma, Pawlu qal liċ-ċenturjun u lis-suldati: Jekk ma tibqgħux fuq il-bastiment ma jistax ikun li intom teħilsu. Għalhekk is-suldati qatgħu l-ħbula tad-dgħajsa u ħallewha tmur. U kif beda jbexbex, Pawlu talab lil kulħadd jiekol xi ħaġa u qal: Il-lum huwa l-erbatax il-jum li ilkom tistennew sajmin bla ma ħadtu xejn. Għalhekk nitlobkom li tieklu xi ħaġa għal saħħitkom għaliex xgħara minn ras ebda wieħed m'għandha tintilef..."

U kif qal hekk qabad il-ħobż, iżżaħajr 'l Alla quddiem kulħadd: u kif qasmu beda jiekol. L-oħrajn kollha ħadu r-ruħ u huma wkoll bdew jieklu. Fil-bastiment konna bejn ilkoll mitejn u sitta u sebgħin ruħ. X'ħin kulħadd kiel biż-żejjed, ħaffu l-bastiment billi waddbu l-qamħ il-baħar. X'ħin il-jum daħal sewwa ma għarfux l-art; iżda raw bħal daħla bi xtajta fejn ħasbu jekk jista' jkun li jdaħħlu l-bastiment: kif telqu l-ankri, intelqu f'idejn il-mewġ u telqu għal kollox it-tmun, tellgħu l-qlugħ tan-nofs u mal-fewġiet tar-riħ bdew jersqu lejn ix-xatt. U kif weħilna ma' biċċa art maħsula minn żewġ naħiet mill-baħar il-bastiment baqa' dieħel fuq l-art: il-pruwa baqgħet imwaħħla ma' l-art u ma ċċaqalqetx, iżda l-poppa bdiet titfarrak bil-qawwa tal-baħar. Il-fehma tas-suldati kienet li joqtlu l-ħabsin, li ma jmurx xi ħadd minnhom kif ikun igħum jaħrab.

Iżda billi ċ-Ċenturjun ried jeħles lil Pawlu ma ħalliex li jsir hekk u ġigħel lil dawk li kienu jafu jgħumu biex jintefgħu huma l-ewwel u jdabbru rashom u jħaffu lejn l-art. U mill-bqija, uħud ħaduhom fuq twavel, fuq bċejjeċ tal-bastiment. U hekk ġara li kulħadd wasal l-art qawwi u sħiħ. U meta qbadna l-art nafu li l-gżira kien jisimha Melita. Iżda l-Barranin urew magħna mġieba tajba mhux ftit. Għax qabbdu nar u saħħnuna ftit mix-xita u mill-kesħa li kienet nieżla. U kif Pawlu kien għadu kemm għamel ġemgħa ta' zkuk u qiegħda fuq in-nar lifgħa ħarġet min-nar u qabdet ma' idu. Iżda kif il-Barranin raw dik il-lifgħa ma' idu bdew igergru bejniethom: Tabilħaqq li dan il-bniedem huwa qattiel, għax għalkemm ħeles mill-baħar il-ħaqq ma jaħmilx iħallih ħaj." U huwa wara li farfar il-lifgħa fin-nar, ma ġralu xejn. Iżda huma kienu jistennew li jintefa' u jaqa' minnufih mejjet fl-art. Iżda meta stennew ħafna u raw li ma ġralu xejn, biddlu fehmethom u bdew igħidu li kien xi Alla.

# SAN PAWL F'MALTA

IL-PROFEZIJA ta' l-Appostlu kienet seħħet. Ilkoll li kienu jinsabu fuq il-bastiment meddew riġilhom fl-art qawwijin u sħaħ; u jew mil-lsien, jew għax xi ħadd minnhom, forsi drabi oħra laħaq ġie fuq l-istess art, għarfu li kienet il-Gżira ta' Malta. Fid-disgrazzja tagħhom kellhom ix-xorti li jsibu fin-nies tal-Gżira laqgħa u ħniena kbira. Il-kesħa ta' l-istaġun, ix-xita, it-tixriba li ħadu fil-baħar biex salvaw mill-għarqa; għalhekk l-iktar ħaġa li kienet għalihom meħtieġa kien in-nar biex jisħnu xi ftit; u din kienet l-ewwel ħaġa li l-maltin għamlu magħhom. Ġabru ħafna zkuk u weraq tas-siġar u qabbdu ħuġġieġa. Iżda ġara li fil-ħin illi San Pawl kien qed jitfa' xi zkuk fil-ħuġġieġa, lifa li kienet moħbija f'dak il-weraq, malli ħasset in-nar qabżet u b'rabja kbira gidmet id l-Appostlu u baqgħet imwaħħla magħha. In-nies tal-Gżira raw dankollu u billi kienu jafu li l-lifa hija wisq velenuża, għalhekk ġihom ħsieb ħażin fuq l-Appostlu, jiġifieri li ġie milqut mill-qilla t'Alla, u wara li salva mill-għarqa, kellu jkun migdum minn lifa u jmut fuq l-art. Iżda San Pawl mingħajr ma nkwieta u mingħajr ma tħawwad, ferfer ftit idu u malajr il-lifa waqgħet fil-ħuġġieġa fejn saret irmied. In-nies tal-Gżira, li malli raw il-lifa mwaħħla ma' idu ħasbu li sejrin jarawh jintefa' u jmut, meta ndunaw li ma ġralu xejn, dawru l-ħsieb li ġihom qabel, u ħasbuh alla.

L-Appostlu mingħajr dubju neħħielhom din l-ideja tagħhom li hu alla; imma fl-istess ħin sab okkażżjoni biex jibda jgħallimhom u jkellimhom fuq il-veru Alla, bħalma kien għamel mal-poplu ta' Listri. Ix-xnigħa tal-miraklu malajr xterdet mal-Gżira kollha, u Malta marret bi ħġarha f'riġlejh biex taraħ u tisma' t-tagħlim sabiħ tiegħu. Fost dawk li bilġri marru biex jisimgħu lil Pawlu u biex juru lejh imħabba l-iżjed kbira, kien jidher persunaġġ għoli jismu Publiju. Uħud jaħsbu li f'Malta kien qiegħed bħala mħallef taħt id-dipendenza tal-Gvernatur ta' Sqallija. Oħrajn jgħidu li kien f'Malta biex jgħaddi x-xitwa, imma li fil-Gżira kellu bosta rabgħa; dan stieden lill-Appostlu, lil Luqa u lil sħabhom id-dar tiegħu u żammhom tlitt ijiem. Il-ħniena u l-imħabba tiegħu lejn l-Appostlu ġew imħallsin; il-għaliex Publiju kellu missieru marid bid-deni u d-disenterija, iżda l-Appostlu raħ, talab għalih, poġġa idu fuq rasu, u malajr fieq minn kollox.

Ħaġa li tassew ma titwemminx. F'bosta pajjiżi oħra mar San Pawl, u mar fil-waqt li kien liberu, u wera f'dawk il-pajjiżi u bliet imħabba u żelu b'a tarf; iżda ħadd ma laqgħu bil-qalb it-tajba, u anzi minnhom sofra u bata mhux ftit. Araw kemm hu minnu dan. F'Sistri l-Appostlu kien imħaġġar, f'Maċedonja ġie mitfugħ qalb il-ktajjen, f'Tessalonika kellu jaħrab qabel il-waqt għax heddewh, f'Korinto ġie mkaxkar quddiem it-tribunali ħalli jitfugħ f'qiegħ ta' ħabs, f'Efeso kellu rewwixta ġmielha kontra tiegħu, f'Ġerusalemm ġie msawwat bil-ħarta, u min ma jafx li f'Ruma sofra qtigħ ir-ras. Imma Malta x'għamlitlu? Malta ratu marbut bil-ktajjen, priġunier u fi stat li jġib ħniena, iżda mhux biss li ma kasbritux, imma talli daret bih, għenitu fl-iżventura tiegħu, saħħnitu biex ma jħosx il-kesħa u kkonfortatu. Malta laqegħtu fl-aħjar u l-isbaħ palazz tagħha, jiġifieri fil-palazz tal-Prinċep tagħha Publiju, u għamlet kulma setgħet għalih. Mhux ta' xejn immela li Pawlu beda jagħmel bosta mirakli f'Malta; u kull min kien marid u resaq lejh fieq; għalhekk f'qasir żmien ma kienx fadal f'Malta bniedem wieħed biss marid. Dawn il-mirakli ġegħlu lin-nies tal-Gżira biex iktar jersqu lejn l-Appostlu, u għalhekk laqgħu bi ħrara kbira l-veritajiet illi l-Appostlu beda jurihom. Publiju flimkien

mal-familja kollha tiegħu, kien l-ewwel li kkonverta u ħaddan il-vera fidi, warajh il-kbarat kollha, imbagħad il-poplu malti kollu ħaddan il-vera reliġjon. Donnu li d-demonju kien tilef il-jeddijiet tiegħu, jew inkella li mbażża' mir-rebħat hekk f'daqqa li saru fuqu, kien ħalla l-Gżira ta' Malta biex imur x'imkien ieħor. Il-qima ta' l-idoli ġiet għal kollox meqruda; Ġesù Kristu magħruf minn kulħadd bħala Salvatur tal-bnedmin; it-tempji ta' l-allat foloz imġarrfin; u l-kristjaneżmu mwaqqaf b'qawwa kbira. Fi tliet xhur, jiġifieri kemm dam f'Malta San Pawl, ma kienx baqa' bniedem wieħed biss li ma kkonvertiex. B'dan il-mod Alla, isserva bin-Nawfraġju ta' San Pawl, għall-glorja ta' l-isem imqaddes tiegħu. U fil-waqt li ddawk l-artijiet li fihom l-Appostlu Misierna xerred tant għaraq naqsu mill-fidi, Malta għadha sħiħa, soda, qawwija u safja fil-Fidi li għallimha l-Kbir Appostlu. U hekk tibqa', għax Pawlu jħarisha minn kull perikolu, bħalma missier iħares minn kull perikolu lill-maħbuba bintu.

P. Lawrenz Sammut O. Carm.

# The Literary Notes of St. Paul's Writings

THE unsheated sword with which Christian art had, since centuries ago, adorned the majestic figure of St. Paul, is beyond any doubt an eloquent symbol of his martyrdom and his writings. Despite the lapse of nearly twenty centuries, his writings come down to us so fresh and so convincing that they cannot fail to stir the highest intellects.

If all literature must be based on the great idea of Truth, Goodness, and Beauty, St. Paul is then the typical literary writer. In the glowing words of Quintilian, true eloquence is the outburst of a feeling heart and a thinking mind and not of mere words: "pectus est quod disertos facit, et vis mentis".

One may find it difficult to convince oneself that the great Apostle was an unsurpassed master of words in the sense the Greek orators were. It should be noted, however, that to St. Paul the word was a means and never an end. His primary aim was to teach and spread the Gospel of Christ, to provide the Faithful with working rules of Christian life. Discarding all superfluous language, he purged his diction of all that was merely beautiful and artistic.

Such a practical aim is everywhere to be seen in the Epistles, which are a real living monument. They have merits other than those which belong to wordly wise maxims. In them we must seek the work of the mind and the fruits of the heart.

A cursory glance at the writings of the Apostle easily reveals a spirit working under uncommon excitement, a mind inspired by the most noble ideas ready to flow at the same time. He could find little or no time to express his vast knowledge in an exact order, so impatient was he to reveal it to others. Very often, to save time, ink and paper, he used to summarize his many ideas in a short sentence or two, thus leavng the rest to be understood by the reader.

In spite of these and other literary faults, no reader can possibly resist the simple charm of his writings. The style is that of the preacher versed in all branches of learning. It reflects the real Paul, his deep theological doctrine, his immense love for Christ and his unbounded zeal for his fellow-Christians.

Rev. Fr. Clement C. Grech, O.F.M.

# Il Naufrago Provvidenziale

SULLE orme luminose del Divin Maestro avanza Paolo di Torso, miritto nella Fede e nella Carità attraverso le più contrarie esperienze, fermo nel compito formidabile di conquistare il mondo alla verità cristiana, di cui egli specifica ed applica le basi dottrinali. Obbediente al comando divino "Ite in universum mundum" egli percorre il mondo predicando a tutte le genti la loro salvezza in Cristo, e a poca distanza dalla divina tragedia del Golgota il mondo intero, ad opera sua, assume la salda armatura di mondo cristiano. Per questo egli sarà detto in eterno "*il Predicatore instancabile della Verità.*"



Ma se tutto il mondo parla della predicazione di Paolo, e della sua prodigiosa attività apostolica, con più ragione può parlarne la nostra Malta prediletta, che oggi precisamente ricorda il di lui Naufragio Provvedenziale sui suoi lidi. Fù questa infatti una delle pagine più belle dell'apostolato di Paolo, in cui si vede chiaramente il suo zelo ardente per le anime, e il suo immenso amore per Cristo nostro Signore. Fù per il Naufragio di Paolo l'Apostolo e per la sua predicazione e i suoi miracoli, che Malta lasciò il paganesimo, e abbracciò la fede del Nazareno: e i nostri antenati appresero in poco tempo la Fede di Gesù convertendosi in massa al Cristianesimo. E l'Apostolo benedisse mille volte il suo viaggio e il suo naufragio, vedendosi non solo ricevuto unanimamente dai nostri padri, ma salutato con tanto rispetto, trattato con tanti riguardi, ascoltato con tanta venerazione, benedetto da tutti, soccorso in ogni bisogno, proclamato prima dio, poi l'Apostolo di Cristo, e infine il Padre dei Maltesi! Con più ragione che ai Filippesi egli, avrà fatto il nobile elogio ai nostri padri dicendo loro "Salve o popolo prediletto, voi siete il mio gaudio, la mia corona, il mio giubilo: voi siete o figli carissimi, la consolazione del mio cuore".

Ha ragione quindi Malta di godere e di esultare in questo giorno solenne che ricorda a tutto il mondo il di lui battesimo nella fede di Gesù Cristo. Ha ragione di chiamare Paolo col dolce nome di Padre, e di dire a tutte le nazioni che le glorie dell'Apostolo delle Genti sono pure le sue glorie. Che cosa infatti non ricorda a Malta il nome di Paolo? La sua spiaggia è difesa dal Simulacro dell'Apostolo: la sua collina è santificata dal Santuario di Paolo: l'immagine di questi è scolpita nei muri dovunque: il suo nome è impresso sulla fronte dei nostri nati: tutta l'isola è chiamata "terra di S. Paolo". Egli vive immortale in noi tutti anche oggi, dopo venti secoli di cristianesimo; vive

nella nostra vita privata, e nella nostra vita pubblica; egli forma il nostro ideale più bello; è l'anima della nostra gloria più fulgida.

Ed egli vivrà ancora finchè il mondo dura, e ci sarà sempre Padre incomparabile, diffondendo su tutti noi dal cielo, dove risiede glorioso ed immortale, la luce e la calma del suo dolce sorriso, la sua benedizione paterna, il suo potente patrocinio.

P. LETT. A. PORTELLI O.F.M., PH. DR.

---

# MALTA XXURTJATA

MALTA, Malta is-sħem għalik! 58 sena biss kienu għaddew minn meta tkompla hawn fl-art il-Kbir Misteru; il-misteru moħbi sa mis-sekoli eterni li fih kellu jgħaqqad is-sema ma' l-art, l-infinit mal-finit, l-immens maċ-ċokon, l-etern mat-temporal, Alla mal-bniedem, in-natura umana mad-dinja fil-persuna tal-Verb! 25 sena biss kienu għaddew minn meta Ġesù temm fuq l-artal tas-Salib, is-sagrifiċċju tiegħu, li bih issodisfa b'mod infinit il-ġustizzja ta' Missieru, inkurlata għall-ħtija tal-bniedem, meta din il-maħbuba gżira tagħna għarfet lill-għarus ċelesti, id-Divin Feddej, laqgħet fi ħdanha lil Ġesù, irċeviet il-Fidi, iżżejnet bil-grazzja, u mwaqqaf l-ewwel artal, adorat lil Ġesù Sagramentat fejn miegħu għaqdet il-għaras tagħha u marret tissollenizza l-ewwel Kongress Ewkaristiku quddiem il-preżenza ta' Pawlu, Ambaxxatur t'Alla stess, li kellu jkun il-mezz tal-providenza divina, li laqqa' lil Ġesù ma' Malta; ta' Publiju Prinċep u Iben ta' Malta, li kellu x-xorti jkun tagħha l-ewwel Pastur magħżul mill-istess Pawlu biex jikkoltiva l-fidi tal-għaras ta' Malta ma' Ġesù quddiem il-preżenza ta' 276 frustier li kellhom ix-xorti f'Malta kważi kollha jirċievu l-Fidi biex ikollhom parti fil-ferħ ta' Malta; ta' Luqa, ta' Trofimu, ta' Aristarku, kollha magħżulin flimkien ma' Pawlu mill-providenza divina biex aktar solenni u ċelebri jirrendu dik l-ewwel festa li saret f'Malta ad unur ta' Ġesù moħbi, taħt l-ispeċi ewkaristiċi. Wara tbatija l-iktar kbira, Pawlu ma sħabu ma Publiju u mal-Maltin li żejjen bil-fidi, aduraw lil Ġesù u rċevewh ġo sidirhom u hekk Malta għaqdet ma' Ġesù il-għaras tagħha. L-akbar glorja tiegħek, O Malta, hija din, ta' meta l-ewwel darba għaraft lil Ġesù u miegħu tgħarrast. Billi Publiju laqa' tajjeb lil Pawlu u ħalla lill-poplu kollu jittratta miegħu bil-ħlewwa, immerita tifħir kbir u ripetut, u wkoll li l-isem tal-Maltin ikun b'eloġju partikolari msemmi fl-Iskrittura mqaddsa bħala memorja eterna għall-insara kollha. Huwa unur żgħir dana? Liema hija dik in-nazzjon għalkemm kbira li tista' tiftaħar b'unur simili? Niftakru għalhekk ta' spiss fil-ġid li akkwistalna l-Appostlu Misierna; fil-kuraġġ li dejjem urew misserijietna u li bih dejjem ħarġu rebbieħa kontra l-għedewwa tal-fidi. Inqajmu l-fiduċja f'Pawlu Missier tagħna u nitolbuh jaqlagħalna minn għand Alla l-grazzi li għandna bżonn, speċjalment li l-Fidi li ġibilna tibqa' dejjem fostna sħiħa u qawwija, biex bid-dritt kollu nkunu nistgħu nissejjħu veri wlied ta' Malta u ta' Pawlu, li huwa l-ikbar unur tagħna u ta' pajjiżna.

P. FIDIEL, minn Għawdex, Lettur Kapuċċin.

---

# RELIQWJA NSINJI TA' SAN PAWL

DIK l-istess imħabba li ftit żmien wara l-martirju ta' l-Appostlu Pawlu ġegħelet lill-fidili ta' l-Orjent jiġu Ruma, u b'sogru jippruvaw jisirqu l-ġisem tiegħu, f'kull żmien xegħelet l-insara ta' nazzjonijiet diversi, u speċjalment dawk li rċevew il-Fidi minn għand Pawlu, sabiex jakkwistaw relikwji tiegħu. Għall-ewwel sekoli dan ma kienx possibbli, għaliex Ruma kienet tgħożż b'qima speċjali l-ġisem ta' San Pawl, u ma ridetx titlef l-anqas farka minnu; imma wara, il-Papiet bdew jagħtu xi ftit relikwji, u hekk Malta rnexxielha wkoll takkwista biċċa mill-Id il-leminija, li biha l-Appostlu sekoli qabel kien sawwab l-ilma tal-Magħmudija fuq ras l-ewwel insara Maltin.



Kif u minn min inġiebet fostna din l-Id, għalkemm għamilna tfittix bir-reqqa, ma stajniex insibu, imma rnexxielna nitilgħu sal-bidu tas-seklu XVIII u nsegwu l-istorja tagħha saż-żminijiet tagħna.

L-ewwel dokumenti li jitkellmu fuq l-Id juruna, li din kienet posseduta minn Ġovanni Tonna u li ġiet awtentikata mill-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan (1728 - 1758). Dan Tonna, għad-devozzjoni kbira li kellu lejn l-Appostlu Missierna, għamel relikwarju tal-fidda għamla ta' id, u fis-26 ta' Settembru, 1771, ippreżentaha lill-Isqof Ġov. Carmelo Pellarano (1770 - 80), li wara li eżamina s-siġill ta' Alpheran biex jassigura ruħu li r-relikwja kienet awtentika, poġġieha fl-id tal-fidda, u ssiġillaha.

Fit-22 ta' Settembru, 1794, l-Id ġiet meħuda għand l-Isqof Vinċenzo Labini (1780 - 1807) biex ineħħiha mir-relikwarju tal-fidda u jpoġġiha f'teka tal-kartun. Ma stajniex insibu għaliex sar dan it-tibdil, però dan it-tibdil huwa ppruvat mill-awtentika li ta l-Isqof Labini.

Ġovanni Tonna, ftit taż-żmien wara rregala l-Id lil Vinċenzo Lwiġi Bonavia. Ma nafux jekk Tonna tax lil Bonavia r-relikwarju tal-fidda li fih kienet l-Id żmien qabel, però nafu li Bonavia ħa r-Relikwja Ruma, sabiex hemm terġa' tiġi awtentikata, u fl-istess ħin titpoġġa ġewwa teka oħra li tista' titqiegħed fl-id tal-fidda, li fiha narawha llum.

Ir-Relikwja ġiet awtentikata minn Monsinjur Giuseppe Bartolomeo Menochio, ta' l-Ordni ta' Santu Wistin, Sagrista tal-Papa, Isqof titulari ta' Porfirio. Dan għaraf l-importanza li din ir-Relikwja Insinji tkun ċertament awtentika, u li titħares minn xi dubji kontra tagħha, u għalhekk ma għamilx użu minn awtentiki stampati, imma wara li eżaminaha bir-reqqa kollha, kiteb huwa stess awtentika, fejn iddeskriva d-dokumenti li ra, is-siġilli li fiha, it-teka li fiha tinsab, ecc. Din l-awtentika ġiet mogħtija fid-9 ta' Mejju, 1822.

Bonavia xtaq li din ir-Relikwja tkun meqjuma aħjar, u għalhekk b'kun-

tratt magħmul fl-atti tan-Nutar Gius. Natale Monreal fl-10 ta' Novembru, 1823, irregalaha lill-Kapitlu ta' San Pawl tal-Belt, bil-patt: —

1) li tiġi esposta fil-festa tan-Nawfraġju u maħruġa fil-purċissjoni;

2) ma toħroġ qatt mill-knisja, ħlief fil-każ ta' mard tiegħu, tal-ġenituri, ta' ħutu u ta' zijietu, u jekk toħroġ il-Kapitlu jagħti bħala piena 33 ratal xama' lill-Kumpannija tas-Sagrament;

3) li tintrefa' f'post xieraq maqful minn tlitt ċwievet, li waħda jżommha l-Arċipriet, oħra d-Deputat tal-knisja, u oħra huwa stess, u wara mewtu jżommha l-Prokuratur.

Imma d-diliġenza ta' l-Isqof Menochio ma tantx swiet, għaliex xi ħadd, jew għall-għira jew għal xi raġuni oħra, waqqa' d-dubbju fuq l-awtentiċità ta' l-Id, u għalhekk l-Isqof Publju M. Sant (1847 - 57) ordna li tittieħed il-Kurja biex terġa' tiġi eżaminata.

Damet fil-Kurja sa' żmien l-Isqof Pietru Pace (1889-1914), sakemm is-Segretarju ta' dan l-Isqof, il-Mons. Salv. Grech, b'kumbinazzjoni sabha ġewwa armarju fis-Segreterija, u mqanqal mill-imħabba lejn l-Appostlu Missierna, ipprova jħoll il-kwistjoni li nqalgħet. Wara studju bir-reqqa tad-dokumenti u tas-siġilli, Mons. Grech kiteb ir-riżultat tat-tfittix tiegħu f'"Monografia sulla insigne Reliquia del Braccio di San Paolo", li l-oriġinal tagħha jinsab fl-arkivju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl (Atti Capitolari, vol. 8 fol. 9), u kopja fl-arkivju tal-Kurja. F'din il-Monografija hemm studjati d-dokumenti li nstabu magħluqin fl-istess kaxxa tal-landa li fiha ntrefgħet l-Id fil-Kurja, kif ukoll tweġiba għall-argumenti li xi ħadd ippreżenta lill-Isqof Sant biex iwaqqgħu fid-dubbju dwar l-awtentiċità tar-Relikwja.

Il-Monografija ġiet studjata u kkonvinċiet lill-Isqof Pace, u hekk l-Id ta' l-Appostlu Missierna reġgħet ġiet mogħtija lura lill-Knisja tiegħu, fejn sal-lum għadna nqimuha, u quddiemha nitolbu lil Missierna Pawlu fil-bżonnijiet tagħna kollha, temporali u spiritwali, individwali u nazzjonali.

DUN ĠUŻEPP BORG, LIC.D.



Parti insinji mill-Kolonna ta' qtiegħ ir-Ras ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, maqtugħa appożitament minn dik ta' Ruma, b'ordni tal-Papa Piju VII u minnu mogħtija rigal fis-sena 1817, lill-Kapitlu ta' San Pawl Nawfragu, għall-ħidma tiegħu qalbenija u ħanina li wera fi żmien il-pesta (1813).

# The Life and Teaching of the Doctor of the Gentiles

THE teaching of St. Paul is inseparable from his experience, and his Apostolic mission is the flowering of his interior conversion. It is necessary to trace briefly the main events in the Apostle's life for the better understanding of the essential theme of his mission.

Saul was a native of Tarsus, the metropolis of Cilicia. Early in life this Jewish child was sent to school where he made his first acquaintance with the Bible. Later on he was sent to Jerusalem to complete his education; and there, "at the feet of Gamaliel" he acquired a detailed and minute knowledge of the Scriptures. Saul was noted for the strictness of his Pharisaism; through zeal he made himself a persecutor of the early Christians, and at the murder of Stephen, he kept the garments of those who stoned him. The spring of the year 36 A.D. witnessed the miraculous conversion of the persecutor of Jesus into the vessel of election who was willing to brave imprisonments, shipwrecks and martyrdom for the love of Christ. The implacable enemy of Christ became the Apostle who went preaching the great doctrine according to which the faithful form one body — the mystical body of Jesus; that very same doctrine embodied in the words Saul heard while lying prostrate on the earth:— "I am Jesus whom Saul persecutes."

Saul spent two years of retreat in Arabia so as to be alone with God, and after a brief stay at Damascus he returned to Tarsus where he stayed till 43 A.D. Then he started on his first missionary journey together with Barnabas for the evangelization of the Gentiles. Possibly Saul took the Latin name Paul at the moment when he was entering into relations with the Romans, the then masters of the world. Between the years 44 - 49 A.D. at least seven Christian communities were founded in Cyprus, Lycaonia and Pamphilia. The expansive force of the Church had broken through the narrow framework of Judaism. At the assembly held at Jerusalem in the year 50, the conditions on which the Gentiles were to be admitted into the Church were decided upon.

On the occasion of the second missionary journey which lasted till the year 52, Paul met Timothy who was to be his lifelong companion. The two Epistles to the Thessalonians date from this period. The third missionary journey entailed a long stay at Ephesus. Corinth, Jerusalem and the Macedonian Churches were also visited. This brings us to the year 56 A.D. by which time the Epistles to the Galatians, Corinthians and Romans were written.

From Pentecost 57 A.D. to the summer of 59, Paul was kept a prisoner at Caesarea. During the winter of 59 - 60, Paul stayed in our beloved island and converted our forefathers to the true faith. Rome was reached in spring and Paul was kept there in semi-captivity for two years. Besides evangelizing those who called on him, Paul wrote the epistles of the captivity, *i.e.* to the Philippians, Ephesians, Colossians and to Philemon. On his release Paul undertook a fourth missionary journey. Macedonia was visited, and possibly also Spain. The pastoral epistles, *i.e.* to Timothy and Titus were written before his death which took place towards the end of the reign of Nero.

"Salvation is from the Jews" (John 4, 22). It is from Israel that came forth the Saviour of the world; the Apostles too were Jews, and the two great leaders of souls, Moses and Paul were Jews. Yet, though Paul prided himself on being "descended from Abraham", it is through him and owing to the inspiration he received to this effect, that Christianity became conscious of its liberty from

Judaism and of its pure universality. He inculcated the essential doctrine that the Son of Man suffered not only for the Jews but for the whole human race, for all the nations of the earth.

The great intuition which enflames Paul's mind is the feeling for the universality of the kingdom of God and the feeling that salvation can be effected only by an act of living faith "in Christ Jesus, our Lord" — a faith that gushes into charity. Faith acts only by virtue of its union with charity and because it derives its efficacy therefrom.

Another intuition that illuminates Paul's thoughts is the perception of the freedom of the sons of God. St. Paul is the greatest doctor of freedom. Christ who appeared to him in glory set him free from the bondage of sin, and in his turn Paul teaches that the Redeemer who wills that all men should be saved transforms man into a "new creature" through grace and thus calls him to freedom. Man becomes the adopted son of God; he becomes incorporated in Christ Jesus and longs to be one with Him whom he loves.

Paul during his apostolic wanderings suffered for the love of Christ continual hardships, imprisonments and tortures, but he was singularly favoured with distinguished graces; he was "carried up as far as the third heaven", that is to the loftiest heights of divine contemplation. His love for the Redeemer and redeemed knew no bounds. He felt himself called up to preach incessantly "the gospel of uncircumcision", the good tidings that all men are to be saved by the mediation of Christ and by the mystical union with Him. Far and wide he proclaimed that Christ is the universal Saviour of men and their common hope, that Christ belongs to all in the same measure.

His yearnings "to be with Christ" found their full realization when, towards the end of the reign of Nero, he suffered martyrdom at Rome probably at the place known as the Three Fountains.

REV. JOHN VELLA GALEA,
B.A.HONS. (LOND.), LIC.D.

# Fin-Nawfraġju

M'għadhomx barbari n-nies ta' dawn il-Gżejjer,
Għażiż Missier. Naqas in-nar, u l-ksieħ
Nifed għadamna stess. L-Imgħoddi stejjer!
Imm'għadu kbir ta' din l-Art żgħira l-ġieħ.

Tħallat mal-qerq u tniġġeż bl-għerf barrani
Fil-qalb Maltija l-ilma tat-Twemmin,
Għax hawn isaltan miegħek l-Hemm setgħani,
Għalkemm għadek 'il fuq mill-mewġ ħażin.

Isma', San Pawl, il-kliem ta' l-ilsna tagħna,
Biered u mħallat bl-ilħna kif inhu:
Għalkemm m'għadniex li konna, bqajna tiegħek;

U tafu d-dinja, li trid taqsam magħna,
Kemm jista' fuq ir-ruħ Maltija Driegħek,
U kemm il-Malti jersaq lejn Ġesù!

DUN AMANTE BUONTEMPO.

1 - 1 - 48.

# IL-GHAQDIET TAS-SNAJJA'

## FIL-KNISJA TA' SAN PAWL TAL-BELT

IL-KNISJA ta' San Pawl Nawfragu, tal-Belt Valletta, kienet minn dejjem il-mimmi ta' għajnej il-poplu Malti, bħala l-Monument Nazzjonali, imwaqqaf mill-Maltin sabiex jixhed u jwassal lill-ġnus kollha l-aqwa ġrajja reliġjuża u ċivili ta' Malta, iġifieri n-Nawfraġju Provvidenzjali tal-kbir Appostlu, fuq ix-xtajtiet tal-gżira xxurtjata li fil-waqt li kienet tinsab fid-dlamijiet tal-paganeżimu, dawwalha bid-dawl ta' l-Evanġelju ta' Kristu.

Dejjem kbira fid-dinjità tagħha ta' Knisja Veskovili tal-Belt Kapitali ta' Malta, fittxew li jgħadduha dejjem aktar il-quddiem Gran Mastri, Isqfijiet, u nies oħra, ta' kull klassi, billi hija kienet dejjem il-Knisja tal-poplu. Ma kinitx tiġri ċirkustanza, tant ta' ferħ kemm ta' niket li ma kinitx issir iċ-ċerimonja tagħha f'San Pawl, quddiem il-preżenza tal-Gran Mastru, ta' l-Isqof u tal-kbarat tal-gżira, fost poplu immens, li kien ikompli f'kollox mas-Suvran u ma' l-Isqof tiegħu. Bħala l-knisja tal-Kleru sekulari tal-Belt, hija kellha mgħoti għas-servizz tagħha s-Saċerdoti u l-Ekklesjastiċi l-oħra li joqogħdu fiż-żewġ Parroċċi, li n-numru tagħhom kien dejjem ikun 'il fuq minn mitejn, u qatt inqas

Mhux kuntent il-poplu b'dan kollu, huwa fittex li jross dejjem aktar ir-rabta ta' qalbu mal-knisja għażiża tiegħu, billi waqqaf fiha dawk il-Għaqdiet tas-Snajja, li x'uħud minnhom għadhom hemm sal-lum, bil-Kappella tagħhom, taħt il-protezjoni tal-Qaddis Protettur tagħhom, f'għamla ta' Għaqdiet Spiritwali inkella Fratellanzi tas-Snajja'.

Hekk mill-bidu ta' l-1600 insibu ġa mwaqqfa fi-knisja l-qadima ta' San Pawl Nawfragu, li allura kienet f'lok is-sagristija tal-knisja tal-Ġiżwiti, il-Għaqda tal-Ħaddieda, tad-Dewwieba u tan-Naħħala, taħt il-protezjoni ta' Sant'Eliġju Isqof, li kienu jsejħulu Sant'Eloj, li kellha bi skop tagħha, bħall-Għaqdiet tas-Snajja' l-oħra, li joħroġ minn taħt idejha xogħol tajjeb, li jagħmel unur lis-sengħa, u li tati l-għajnuniet meħtieġa lin-nies tagħha u lill-familji tagħhom, kull xorta ta għajnuna, fil-bżonnijiet tar-ruħ u tal-ġisem. Meta inkisbet l-art għall-bini tal-knisja l-ġdida, fejn tinsab il-lum, dina l-Għaqda kienet minn ta' l-ewwel li xtrat l-art, biex bniet fuqha l-Kappella tagħha, li kienet fejn il-lum hemm il-Kappella tas-Sagrament. Baqgħet din il-Għaqda f'San Pawl sa' l-1743, imbagħad ġiet meħuda fil-knisja tal-Vittorja fejn baqgħet sa' l-1769, imbagħad fil-knisja ta' Ġieżu, fejn fl-1846, ingħaqdu fiha wkoll il-Landiera, Spiċċat għal kollox fit-30 ta' Mejju 1908.

Erbgħa-u-għoxrin bejn Skrapan, Sillari u Kurdari mill-Belt u minn Bormla nġabru, fl-1607, f'Għaqda, f'San Pawl tal-Belt, taħt il-protezjoni tal-Qaddisin Martri Krispinu u Krispinjanu. Fit-22 ta' April 1614 l-Awtorità tal-Knisja ta' Malta approvatilhom l-istatuti. Din il-Għaqda, wara rikors li għamlu għan-nom tagħha, il-Konslu u mija u disgħa-u-tletin miktubin tagħha, ġiet magħmulha, b'digriet ta' l-Isqof Labini tat-18 ta' Diċembru 1804, fratellanza, bil-privileġġ tas-sakku abjad u tal-muzzetta u tal-kurdun u ta' l-istendard aħmar minn lewn in-nar, li għadha teżisti sal-lum.

Għaqda oħra ġiet imwaqqfa f'San Pawl Nawfragu fis-6 ta' Lulju 1611, il-Għaqda tal-Ħajjata u tal-Merkanti tad-drappijiet, taħt il-protezjoni ta' Santu Omobonu, li kienu jgħidulu Santu Bubonu. Ftit ta' żmien wara daħlu wkoll

f'din il-Għaqda il-Berrittarji u l-Kalzettara. Is-sengħa tal-ħajjata hija waħda mill-aktar antiki f'Malta, u fi żmien l-Ordni, bil-qawwa tal-Prammatiki tal-Gran Mastru Damboyse, kienet taħtar mill-Għaqda tagħha tlitt imgħallmin milli-aqwa, li kienu jagħmluha ta' mħallfin f'kull kwistjoni li kienet tinqala' bejn il-ħajjata, il-lavranti u l-parruċċani tagħhom, rigward xogħlijiet ta' lbies u ħjata oħra. B'digriet tal-fuq imsemmi Isqof Labini, tad-9 ta' Novembru 1804, din il-Għaqda ġiet imtallgħa għall-unur ta' fratellanza, bl-użu tal-kunfratija bajda u tal-kurdun u tal-muzzetta u ta' l-istendard ta' lewn kaħlani.

It-Tvernari u l-Koki nġabru huma wkoll, fl-1620 f'Għaqda tas-sengħa tagħhom, fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu, taħt il-qaddis protettur tagħhom San Martin Isqof ta' Tours. Huma kienu wisq marbutin ma' l-għaqda tagħhom, akkwistaw il-Kappella tagħhom bl-atti tan-Nutar Pietru Attard tal-24 ta' Settembru 1666 u kienu għamlu l-festa tagħhom b'solennità l-aktar kbira, tant li darba, bħal ta' San Krispin, kellhom xi jgħidu mal-Knisja ta' San Pawl, fuq id-daqq tal-kniepen, nhar il-festa tagħhom, u rebħu l-kustjoni huma, quddiem il-Metropolitan ta' Palermu. Fost id-drittijiet li kellha l-Għaqda, li baqgħet iddaħħalhom, imqar wara l-Ordni, sal-1839, kien hemm dritt li kien obligat iħallsu lill-Kaxxa ta' l-Għaqda kull minn kien jiftaħ ħanut tas-sengħa tagħha, kif ukoll dritt ieħor mill-ftuħ tal-ħwienet ta' l-ispirtu u ta' l-inbit.

Taħt is-sena 1644 tidher il-Għaqda ta' San Mikiel Arkanġlu, imwaqqfa mill-ewwel fi fratellanza, bis-sakku abjad, bil-kurdun, bil-muzzetta u bli stendard ta' lewn aħdar, b'medaljun f'nofsu ta' San Mikiel. Mid-digriet li bih l-Isqof Balaguer waqqaf din il-fratellanza, li jġib id-data tas-17 ta' Ġunju 1644 jidher illi l-fratellanza ġiet magħmulha mill-Għaqda tal-bejjiħa tal-laħam, tal-ħut u tal-ħxejjex. Billi l-kapijiet ta' din il-Għaqda ma kienux ikunu kollha membri tal-fratellanza, però ta' l-istess snajja', nhar San Mikel, dawn il-kapijiet tal-Għaqda kienu jieħdu sehem fil-funzjonijiet tal-knisja fuq bankun li kellhom għalihom, fil-Kappella, liebsin mhux bil-kunfratija imma bil-firjol.

Għaqda oħra, tal-ħaddiema tad-deheb u tal-fidda, kif insejħulhom aħna ta' l-argintieri, twaqqfet f'San Pawl, bil-Kappella tagħha taħt it-titlu ta' Sant'Elena Imperatriċi, fi żmien l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Fr. Pawlu Alpheran. Fuq ir-relazjonijiet ta' din il-Għaqda ma' l-Awtoritajiet tal-Knisja ta' Malta ftit u xejn ma hu magħruf ħlief il-fatt tat-twaqqif tagħha f'San Pawl, fil-Kappella ta' Santa Liena. Għall-kuntrarju hemm bosta tagħrif fuqha fil-liġijiet tal-Gvern, billi din il-Għaqda kellha f'idejha l-maniġġ tad-deheb u tal-fidda, il-metalli l-aktar meħtieġa għall-finanzi tal-poplu u tal-pajjiż; għalhekk, speċjalment fil-Prammatiki tal-Gran Mastri jinsabu bosta ħwejjeġ li jmissu lil din il-Għaqda. Skond l-istatuti ta' l-Għaqda ħadd min-nies tagħha ma kien jista' jaħdem nhar Santa Liena; kull imgħallem kien iħallas irbiegħi u kull lavrant karlin fix-xahar lill-kaxxa u kienu obligati jieħdu sehem fil-funerali ta' sħabhom taħt piena ta' multa ta' erbgħa rbajja'. Kull min kien isir imgħallem, biex kien ikun jista' jibda jaħdem, kien iħallas dritt lill-kaxxa ta' 13-il skud, għal darba. Din il-Għaqda llum spiċċat minn San Pawl u flok l-artal li kellha, ta' Santa Liena, ġiet mibnija l-Kappella tal-Karità.

Is-sitt Għaqdiet tas-Snajja' fuq imsemmija, imwaqqfin fil-kors taż-żminijiet fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, komplew kabbru l-isem, id-dinjità, id-dekor ta' l-istess knisja, tant illi l-fatt li tant Għaqdiet ta' bosta Snajja' kienu twaqqfu f'San Pawl kien wieħed mill-motivi illi għalihom il-Papa Klemente XII għoġbu fl-1733 igħolli l-istess knisja għall-unur ta' Kolleġġjata Insinji.

C. P. B.

# In Paul's Own Words.

"Christ did not send me to baptize; am sent
To preach the Gospel; not with cleverness
Of orator" — (though not less eloquent !) —
"For so the Cross might of its force be less".

"This message is but folly to the lost,
But to the saved God's power's evidence":
"Christ crucified we preach"... "His boast
Let him who boasts, make in the Lord", from whence

This "foolish thing, our preaching," "fools the wise"
"To save them that believe". "We have no home";
"We are for Christ's sake fools, whom men despise
And persecute." "Am I with rod to come?"

"You are my dearest children" — (he'll be kind !) —
"And I would bring you to a better mind".

S. A. B.

---

# Paolo di Tarso.

LO SBARCO A MALTA

Guardavan con sospetto il prigioniero,
Che era scampato alle onde per poco;
Ma, ospitali con ogni straniero,
Svelti gli indigeni acceser un fuoco.

Ed ecco un rettil nel freddo severo
Paolo a mordere si prese giuoco:
"Viver non può; omicida è davvero,"
Gli astanti dissero con tono fioco.

Memore della parola di Cristo,
Paolo la serpe nel fuoco gettò;
E niente affatto gli accadde di tristo.

Attoniti guardovan quei Maltesi.
"E' proprio un Dio," taluno anche notò.
E doppiamente gli furon cortesi.

IL MARTIRIO

Ormai compiuto avea l'alta missione.
Faticò molto e fino a tarda sera,
Seminando quaggiù la Fede vera:
Paolo aspettava solo il guiderdone.

E non temeva affatto la bufera,
Che contro Cristo sollevò Nerone:
Già lapidato, più volte in prigione,
Anche battuto, avvezzo a patir era.

Per sradicare la fede novella,
Volle il tiranno soffocar la voce
Del grande banditore del Vangelo.

Una intenzione stolta era quella:
La bocca, chiusa in una morte atroce,
Negli scritti parlò con egual zelo.

Sac. Prof. Giuseppe Sapiano.

# San Pawl

MITFUGĦ fl-art fit-Triq ta' Damasku, waqt li kien imħejji jeqred l-Insara li minn għalih kienu għedewwa t'Alla ħaj, imdawwal b'dawl qawwi waqt li kien imħejji jissielet ma' l-Insara li minn għalih ċaħdu l-Abram, l-Isakk u l-Ġakobb, l-Appostlu Missierna għaraf u fehem il-Ġesù Kristu. Sawlu ta' Tarsu għaraf il-Ġesù Kristu l-Imwiegħed u l-Imħabbar, u fehem li kien il-Ħaruf t'Alla li miet għad-dnubiet. L-Appostlu għaraf il-qawwa tas-salib imħammar b'demm il-Messija u fehem il-kobor ta' mewt il-feddej. U mit-triq ta' Damasku sa Ostia Tiberina, ħajjet l-Appostlu sfat ħidma bla waqfien biex il-bnedmin jersqu lejn is-salib, ħalli meħlusa mill-qerq jisfaw ulied Alla.

Biex jeħles il-bnedmin mid-dlamijiet u dell il-mewt, l-Appostlu ħadem, ħabrek u bata aktar minn kull Appostlu ieħor. Hu nnifsu kiteb lill-Insara ta' Korintu, żmien qabel ma ġie Malta: "Mill-Lhud, għal ħames darbiet, qlajt erbgħin daqqa nieqes waħda. Tliet darbiet tawni bil-virgi, darba ħaġġruni, tliet darbiet rajt l-għarqa, lejl u jum qagħdt f'qiegħ il-baħar, ta' sikwit erħini fil-mixi, qalb it-tiġrif tax-xmajjar, tiġrif tal-ħallelin, tiġrif minn niesi, tiġrif mill-pagani, tiġrif fil-bliet, tiġrif fix-xgħari, tiġrif fil-baħar, tiġrif mill-aħwa qarrieqa, fix-xogħol u fid-dbatija, fil-ħafna sahriet, fil-ġuħ u fil-għatx, fil-ħafna sawm, fil-bard u fil-għera... F'Damasku, dak li kien jaħkem fuq in-nies f'isem is-sultan Areta, kien qiegħed il-għases ma dwar il-Belt ta' Damasku biex jaqbadni, u minn tieqa niżżluni ġo qoffa mas-sur, u hekk ħrabt minn idu" (II Cor. XI, 23-33).

F'dawn id-dbatijiet kollha, ħsieb l-Appostlu u xewqatu kienu l-ġid tal-bnedmin ħutu, ħalli meħlusa minn dell il-mewt jimxu wara Kristu u miegħu jsaltnu fis-sema. Bil-jedd kollu għalhekk, fl-ewwel ittra tiegħu lill-Insara ta' Korintu, l-Appostlu wara li kiteb li bata l-ġuħ, il-għatx, li qala bil-ħarta u ma kellux la x'jilbes u anqas fejn joqgħod, issokta jgħid: "Sirt kollox għal kulħadd, biex neħles il-kulħadd. U jien nagħmel kollox għall-Vangelu" (I Cor. IX, 19, 23).

U l-imħabba tal-Appostlu Pawlu lejn il-bnedmin li għalihom ħadem u bata, kienet hekk kbira, hekk magħquda ma' l-imħabba ta' Kristu li ġagħlitu joħroġ b'dawn il-kelmiet: "Ninsab marsus minn żewġ naħiet, għax nixtieq immut u nkun ma' Kristu, li hu aħjar ħafna, iżda li nibqa' bil-ġisem hu meħtieġ għalikom" (Filip. I, 23-24).

F'Damasku, l-Appostlu ġie maħtur biex ixandar isem Kristu lil kulħadd, lill-ġnus kollha, u tabilħaqq ħajtu ma kenitx ħlief għanja waħda lil Kristu msallab u mqajjem mill-mewt, ħajtu ma kenitx ħlief ħidma waħda b'ġiegħ Kristu Feddej tal-bnedmin kollha. Tassew li bil-jedd kollu, l-Appostlu sata' jikteb: "Inġibu dejjem f'ġisimna t-tbatija ta' Ġesù Kristu, biex ħajjet Ġesù tidher ukoll f'ġisimna" (Cor. IV, 10). "Biex ngħix għal Alla, issallabt ma' Kristu. U ngħix mhux jien, iżda jgħix fija Kristu". "Il-ħajja tiegħi hu Kristu" (Filip. I, 21).

U dan l-Appostlu kbir, l-appostlu tas-sejf, dan il-bniedem li ħadd m'għandu ħila jfaħħru kif jistħoqqlu, dan il-bniedem qawwi daqs iż-żonqor u ħanin daqs omm, dan il-bniedem hu MISSIER IL-MALTIN. Għalina, ulied Malta Maltija, hu aħjar nintefgħu f'qiegħ ta' ħabs ma Missierna, milli nsaltnu 'l bogħod minnu u minnu mifrudin. Ma' ħalib ommna xegħlet fina mħabbtu... xegħlet u ma tintefiex.

P. Pawl Galea O.P.

# Ħarsa Agostinjana fuq San Pawl

JSIMGĦU... stagħġbu u baxxu raskom quddiem il-ħsibijiet u l-għamil tal-Mulej!

*"Lupu jitbiddel f'ħaruf, għadu qalil f'difensur qalbieni, midgħi jitbiddel f'appostlu, Sawlu jitbiddel f'Pawlu."*

Din il-bidla ma hix fatt naturali, ma hix eżaltazzjoni axxetika, anqas żvilupp ta' idejat, anqas ma hemm xi forza moħbija mhux magħrufa tar-ruħ, xejn minn dana.

ALLA bħal kaċċatur divin, igħasses il-ħin u l-post, u META JRID, KIF IRID, u FUQ MIN IRID itajjar il-vleġġa ta' mħabbtu... u l-vittma milquta, ixxurtjata, mitfugħa f'delirju ta' mħabba jkollha tesklama:

*"O Grazzja, o sbuħija, o verità, o tjubija, o mħabba tard wisq għaraftek, tard wisq ħaddantek, tard wisq ħabbejtek..."*

Mela l-GRAZZJA biddlet 'il Sawlu f'Pawlu.

*X'ra ALLA f'Sawlu li qanqlu tant li ippriviliġġjah b'tant imħabba?*

Xejn ma ra ALLA f'dan il-persekutur a) li seta' jiġbed u jqanqal il-ħniena Tiegħu, anzi b) ebda dispożizzjoni ma kienet tinsab f'Sawlu li jilqa' l-grazzja; ebda ċ) ċirkostanza ma kien hemm li setgħet tqanqal 'l ALLA biex jagħtih il-grazzja, iżda l-ĦNIENA BISS TA' ALLA għażlitu. L-istess Pawlu qalilna dan:

*"Mhux mill-opri ta' ħaqq li għamilna aħna, iżda għall-ĦNIENA Tiegħu ġejna salvati"* (1).

A) Jekk nibdew biex infittxu l-meriti ta' Sawlu qabel il-Konversjoni nsibu ħafna li jikkundannawh, imma xejn ma kellu li jistgħu jeħelsuh (2). Għalkemm huwa veru illi l-qilla ta' dan il-persekutur ma kenitx ġejja minn mibegħda kontra Alla, iżda għall-kuntrarju, minn għalih qiegħed jagħmel issewwa (3), b'dana kollu jekk ALLA ma rax ħtijiet fih, iżda ma setax jara ħlief miżerja. X'miżerja kbira hija dik ta' Sawlu li kien jaf tajjeb l-Iskrittura, mgħallem mit-twajjeb u għaref Gamaliele u b'dana kollu ma jintebaħx bit-twettiq tal-profeziji? Seta' forsi Sawlu ma jintebaħx, jew almenu ma jiddubitax? Għalkemm huwa kien ta' kuxjenza safja, ġeneruż u ta' qalb retta, iżda din il-ġenerożità kienet ġenerożità ta' lhudi qalil, aħrax, kuxjenza ta' setta fariżajka.

Immela Jekk ALLA ma rax ħtija fih, iżda ma setax jara ħlief miżerja kbira.

B) Anqas nistgħu ngħidu li forsi kien hemm xi ċirkostanza, xi dispożizzjoni li setgħet tqanqal 'l ALLA biex jagħtih il-Grazzja.

Difatti meta David ġie msejjaħ għar-ravvediment diġa' kien ilu sena li ħalla d-dnub; meta l-ħalliel it-tajjeb sema' l-wegħda tal-Feddej, kien diġa' waqaf

---

(1) Lil Titu: 3. 5; lir-Rom. II. 6; u 3, 24; Kor. 15. 10.
(2) Efes. 2. 9; I Kor. 15. 9; u I. 7; lil Filip. 3. 6.
(3) I. lil Tim. 1. 13.

mis-serq; meta Ġesù tefa' dik il-ħarsa divina ta' ħniena li qasmet il-qalb ta' Pietru, almenu dak il-ħin ma kienx qed jiċħdu; imma għall-kuntrarju Sawlu... ah Sawlu kien qiegħed fl-eħrex siegħa tal-qilla tiegħu kontra l-Isem Adorabbli ta' Ġesù, meta ġie magħżul bħala l-ikbar trijonf ta' l-istess Isem biex iwettaq il-wegħda tal-Missier Etern, premju ta' l-umiljazzjonijiet tal-Feddej, it-trijonf ta' l-Isem Tiegħu fid-dinja. Sawlu ġie magħżul bid-dagħwa fuq xufftejh, bix-xabla f'idejh, b'mibegħda fil-qalb, għama fil-moħħ.

Dawna kienu d-dispożizzjonijiet ta' Sawlu. U frattant Alla għażlu — "attraxit eum."

Ċ) Minn tant u tant oħrajn li kienu sħab miegħu fil-ħtija, mis-suldati tiegħu stess ħadd minnhom ma ra lil dak li kien qiegħed jitkellem ma' Sawlu: semgħu biss; tbeżżgħu... stagħġbu... imma ma kkonvertewx: Sawlu? Sawlu fl-istess ċirkostanzi, b'dawk id-dispożizzjonijiet u mhux f'ċirkostanzi u dispożizzjonijiet oħra ġie msejjaħ u mibdul (4).

*Forsi tgħiduli li ALLA għażlu, għaliex* RA MINN QABEL *dawk l-opri tajba li Sawlu għad irid jagħmel.*

LE. ALLA ma jħarisx lejn dak li għad irridu nagħmlu, għaliex dan ma nistgħux nagħmluh jekk ma nkunux megħjunin minnu stess. Huwa biss jipp-preparalna u jlestilna minn qabel, għall-meriti ta' Ġesù Kristu, dawk l-opri tajba li għad irridu nagħmlu, sabiex aħna nistgħu nwettquhom (5).

*Għaliex ALLA għażel lil Sawlu u lill-oħrajn sħabu ma għażilhomx? Għaliex jagħżel lil wieħed u lil ieħor jabbanduna?*

Taħseb li din hija ħaġa inġusta *GĦAL ALLA*? Ġurnata Sawlu, imbiddel f'Pawlu, jikteb lil dawk ta' Ruma biex igħidilhom illi ALLA ma hu marbut u ma għandu jagħti lil ħadd. Jekk immela minn żewġ ħallilin, it-tnejn ħatjin, lil wieħed wegħdu s-sema u l-ieħor iħallih imut bl-insult u d-dagħa fuq xuftejh: jekk minn żewġ tewmin iż-żgħir jiġi magħżul u l-ieħor iħallih fl-istat li hu: jekk mill-istess tajn u tafal maħmuġ jieħu minn banda u ma jieħux mill-oħra, jekk mill-istess barriera jagħżel ġebla għas-Santwarju u oħra għall-għatba tal-bieb... nistgħu aħna nardixxu nduru u ngergru kontra s-Sinjur li daqskemm huwa ħanin daqshekk ieħor ġust? O kobor, o profondità tal-ġudizzji t'Alla... min qatt jista' jifhimhom! Il-ĦNIENA t'Alla, għażlet, immela, li Sawlu, u l-Ħniena t'ALLA *BISS* u mhux l-użu tajjeb tal-Volontà, mhux il-laqgħa libera tal-Grazzja, anqas dawk l-opri tajba li kien għad irid jagħmel.

Il-ĦNIENA t'ALLA, immela, u din *BISS* għandha tkun il-pedament tal-FIDUĊJA tagħna.

Hekk ħares il-Maħbub tiegħi, il-Kbir AGOSTINU lejn l-Appostlu Missier-na PAWLU. Bl-istess ħarsa ħarist lejh il-lum ukoll jien l-iċken u l-iżjed in-denn, imma wieħed mill-iżjed fidili u maħbubin fost uliedu.

Din il-ħarsa l-Eretiċi maqdruha bħala skoll ta' disperazzjoni, imma l-Knisja approvat u żammet bħala għajn ta' Fiduċja fil-ĦNIENA bla qies tal-QALB ĦANINA tal-Ħallieq Feddej tagħna.

P. Publju Pawlu Micallef, Agostinjan.

---

(4) L-Atti ta' l-Appostli.
(5) Lil ta' Efeso.

# San Paolo del Gafà

LA fisionomia di San Paolo raccoglie caratteri così molteplici ed eminenti che nessuna immagine plastica non ne ha mai potuto dare il complesso. La medaglia del secondo secolo, nella quale è messo di fronte a Pietro, non da che una maschera che diventerà tradizionale. San Paolo scolpito su una delle torri della cattedrale di Reims mette in rilievo la maestà profetica del Veggente, la sua calma sovrumana, ma non esprime l'esaltazione dell'amore, la veemenza. Una vetrata del secolo XIII, a Bourges, ci presenta un Paolo tutto tenerezza, inebriato di rapimenti mistici, senza l'impeto di conquista dell'Apostolo. Dal Rinascimento in poi, la maggior parte degli artisti, eccetto il Veronese, hanno stranamente oscurato lo splendore del personaggio: Raffaello, Rembrandt ed anche il Greco hanno sognato un Paolo accigliato, contratto, adirato; Durer gli ha dato l'aspetto torvo di un eretico corrucciato. I moderni, nessuna rivelazione di lui ci hanno dato. Paolo sconcerta tutti con la mobilità delle sue linee molteplici ed eminenti. Si può dire sempre: Non è lui, anche quando è proprio lui.

San Paolo del Gafà è in questo riguardo, l'eccezione tipica, se non unica, certamente rara, nell'espressione dell'ispirazione del genio. Qui vi è un ritratto dal quale traspare l'essenza della vita intima di Paolo; qui bisogna confessare fedelmente riprodotta la grandezza e l'unità complessiva dell'Apostolo; qui la figura si sintetizza nell'uomo e nel santo, anzi traspare il santo nell'uomo. Bisogna dire che il genio del Gafà, ivi si riscontri con quello di Paolo, e come il Mosè di Michel'Angelo gli riveli tutta la sua vitalità eloquente. E San Paolo del Gafà muove le sue labbra grosse ed attivamente umide, mentre la lingua, al cento per cento atomicamente naturale nelle più minute particulari, fà sentire la sua muta parola di fuoco, indomabile, inflessibile, convincente, affascinantemente patetica, umile e devota nell'espressione dei suoi occhi, grandi e chiari come la sua anima; lucidi come di consunto appassionato, come il suo cuore in quello di Cristo; eloquente nell'ampia ed ossuta fronte psichica pur sempre logicamente mistica, coperta di madidi ed incuranti capelli dell'uomo instancabile che suda fino al sangue nelle sue sublimi elevazioni; poi ancora nel gesto della sua mano gigante, come la sua fede, ampia come la sua carità, ruvida ed incallita nel ministero di un apostolato universale.

Sì, San Paolo del Gafà ritrae lo spirito di Saulo che custodisce i mantelli dei lapidatori di Stefano; di Saulo rovesciato sulla strada di Damasco; di Paolo che colpisce di cecità il mago Elima; di Paolo sulla collina dell'Areopago; di Paolo davanti la torre Antonia o nella sala del sinedrio; di Paolo che getta la vipera in mezzo al fuoco, e ancor di Paolo, vicino al pino, inginocchiato sotto il ferro del carnefice. Sì, è lui, tutto lui, San Paolo, nella Statua del Gafà. SEM.

## IL-KAPITLU TA' SAN PAWL TAL-BELT

Fis-16 ta' Settembru, 1733 il-Knisja nħatret Kolleġġjata Insinji. F'Diċembru l-Kanoniċi ħadu l-investitura privata. Il-Pussess Solenni sar fl-1737 mill-Inkwiżitur Mons. Karlu Franġisku Dorini.

Fl-1776 il-Kapitlu ħa f'idejh il-Parroċċa bil-Bolli ta' Piju VI. Il-Papa Piju VII, b' Brevi tas-17 ta' Settembru 1815 ta lill-Kapitlu s-salib u l-katina tad-deheb, u fis-6 ta' April 1818 tah l-użu tal-Mazza; u għall-ħidma li kien wera fil-Pesta tal-1813, tah ukoll l-inforra ħamra tal-muzzetta u biċċa mill-Kolonna fejn ġiet maqtugħa Ras il-Maħbub Appostlu Missierna.

Il-Papa Piju IX, ikkonferma l-privileġġi.



# L-Għaxra ta' Frar L-Għid ta' Malta

*Per Evangelium Ego vos Genui.* (Cor.)

Dak il-leħen sbejjaħ tagħkom
Semmgħu kniepen ferħanin !
Xandru l-Festa tan-Nawfraġju
L-akbar Festa tal-Maltin !

Taħt il-kiefer Faräuni
Kien il-ġens magħżul irsir,
Lil Mosè iżd'Alla ħatar
Biex jeħilsu minn dal-ħqir.

Jasar akbar kien qed jaħqar
L-ulied Malta fl-ibgħad żmien,
Taħt id-dwiefer minn tal-għadu
Fost id-dlam minn tat-telfien !

Iżda Pawlu, Mosè ieħor
Maħtur t'Alla resaq lejna
Biex dawwalna b'tagħlim Kristu
Hekk mill-ħqir tal-għadu nfdejna.

Mosè l-poplu t'Alla ħeles
Ta' l-Eġittu mill-moħqrija
Pawlu ħeles l-ulied Malta
Minn dufrejn l-Idolatrija

Mosè mexxa l-poplu t'Alla
Għal dik l-art minn tal-wegħdiet
Pawlu wkoll fit-triq mexxiena
Li twassalna fis-Smewwiet.

Kif il-blata l-virga ħasset
Ta' Mosè, fis l-ilma tagħt;
Hekk hawn f'Malta l-kbir Appostlu
Ħareġ l-ilma minn ġol-blat.

Iżd' ilma isbaħ u tas-saħħa
Xerred fuqna l-qawwi Driegħu
Bih nissilna f'Ġesù Kristu
Għalhekk sirna l-ulied Tiegħu !

Għandna 'l Pawlu nħobbu l-aktar
Fost l-eluf tal-Qaddisin
Għax fi Kristu ġġenerana
Sar Missier tagħna l-Maltin !

Doqqu mmela kniepen doqqu,
Agħmlu 'l qlubna ferħanin
Ħabbru l-Festa tan-Nawfraġju
Tassew l-Għid minn tal-Maltin !

16 - 2 - 48.

C. Sapiano.

# PROGRAMM

## tal-Festa Nazzjonali tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl. 1948

FESTI TA' ĠEWWA

Fil-ġranet 12, 13, 14 ta' Frar, jibda t-Tridu f'ġieħ l-Appostlu Missierna. Fit-8 a.m. Quddiesa Kantata. Fl-4.30 p.m. Għasar, Priedka mill-Wisq Rev.du P. Lett. Ġ. Paris, O.P., Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

Fil-15 ta' Frar, lejliet il-Festa, fis-7.30 a.m. Kant tal-Martiroloġju. Fit-8 a.m. Quddiesa Kantata. Fl-4.30 p.m. Traslazjoni Solenni mmexxija mill-E. T. Mons. M. Gonzi, Arċisqof Metropolita ta' Malta, bir-Relikwja għażiża ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Għasar Pontifikali mill-istess Eċċ. Tiegħu u Barka Sagramentali.

Fis-16 ta' Frar, jum il-Festa, fil-5.45 a.m. Matutin Solenni, fis-7 a.m. Quddiesa letta bit-Tqarbina Ġenerali; iqaddes l-E. T. Rev.ma Mons. Emmanuele Galea, D.D., J.C.D., B.Litt., Isqof tit. ta' Tralles u Vigarju Ġenerali ta' Malta; jieħdu sehem l-Azzjoni Kattolika u l-Fratellanzi tal-Parroċċa; fid-9 a.m. wara l-Kant tat-Terza, Quddiesa Pontifikali mill-E. T. Mons. M. Gonzi Arċisqof Metropolita. Wara l-Vanġelu Paneġirku mill-Ill.mu u Rev.mu Mons. Kan. Kap. R. Capurro.

Wara nofs in-nhar, fis-2.15, Priedka mill-Ill.mu Rev.mu Mons. Kan. Kap. Koad. Giuseppe Mifsud; fit-3.30 p.m. Għasar solenni, Purċissjoni bl-istatwa devota ta' l-Appostlu Missierna, Antifona u Barka Sagramentali.

FESTI TA' BARRA

Nhar il-Ħamis, 12 ta' Frar, l-ewwel ġurnata tat-Tridu, fis-6.15 p.m. il-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq tagħmel Marċ ma' Triq San Pawl sa l-Arċipirku.

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Frar, fis-6.15 p.m. il-Banda *Beland* taż-Żejtun tagħmel Marċ ma' Triq San Pawl u Triq Sant'Orsla.

Nhar is-Sibt, 14 ta' Frar, il-Banda *Vittoria* tal-Mellieħa tagħmel Marċ ma' Triq San Pawl u Triq Merkanti.

Nhar il-Ħadd, lejliet il-Festa, fl-4 p.m. il-Banda *Konti Ruggieru* tar-Rabat tagħmel Marċ mill-Ark Trijonfali sal-Knisja; wara Programm fi Pjazza Teżorerija. Fis-6.30 p.m. il-Banda Nazzjonali *La Valette* tagħmel Marċ Trijonfali ma' Triq San Pawl; u wara Programm fuq il-Palk ħdejn il-Knisja.

Nhar il-Festa, 16 ta' Frar, it-tfal tal-Boys Brigade tas-Sależjani joqogħdu Guard of Honour għall-miġja ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof fid-9 a.m. x'ħin ikun dieħel il-Kolleġġjata.

F'nofs in-nhar, Marċ popolari mill-Filarmonika Nazzjonali *La Valette* ma' tul it-triqat prinċipali tal-Belt.

Fis-2.15 p.m. Sfilata tal-Baned minn Triq San Pawl, minn fejn l-Ark; wara jkun hemm dawn il-Programmi:—

Il-Banda *Beland* taż-Żejtun, fil-Pjazza tal-Palazz.
Il-Banda *San Ġużepp* tal-Ħamrun, fi Pjazza Teżorerija.
Il-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq, fi Pjazza 8 Settembre.
Il-Banda *Vittoria* tal-Mellieħa, fuq San Ġwann.
Il-Banda *San Ġużepp* ta' Ħal Għaxaq fuq il-Palk, fejn il-Knisja.

VIVA SAN PAWL

NIHIL OBSTAT, *Melit. die 25 Jan. 1948,* P. PAULUS TABONE, O.F.M. *Cens. Theol.*

*Stampat għand* GIOV. MUSCAT, *Valletta, Malta.*